**30 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Dr. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Deċiża fil-meritu fis-26 ta' Jannar, 1962.

*Gerald Mifsud ne.*

*versus*

Edwin Bartolo

**Bejgħ — "Hire-Purchase System".**

*Il-kuntratti ta' "hire purchase" mhumiex kontemplati espressament mill-liġi tagħna; u għalkemm il-Qrati rrikonoxxew in prinċipju l-validità ta' kuntratti simili, b'dan kollu l-istess Qrati żammew ċertu kontroll fuq dawn il-kuntrattazzjonijiet, biex jiġu evitati inġustizzji bħala effett tagħhom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara

li ppremetta illi l-konvenut xtara bil-"hire purchase system", minn għand l-attur nomine, "tape-recorder Telefunken" komplet bil-prezz u l-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura tal-10 ta' Novembru 1959 (dok. A); u illi l-konvenut ħallas b'kollox is-somma ta' £29.8.0, u għalhekk baqa' debitur fil-bilanċ ta' £34.9.9, u konsegwentement, l-attur, in vista tal-klawsola numru 2 tal-istess skrittura, huwa ntitolat jieħu lura l-istess "tape-recorder" u l-imsemmi ammont ta' £34.9.9. bħala kera għaż-żmien kollu li dan dam f'idejn il-konvenut; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat li l-akkordju stipulat bejnu u bejn l-attur fl-imsemmija skrittura huwa terminat; (2) li l-konvenut ikun kundannat jikkonsenja u jirrestitwixxi lill-attur l-imsemmi "tape-recorder" bl-aċċessorji relattivi, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti; (3) fin-nuqqas, iħallas lill-attur il-valur tiegħu skond stima; (4) u li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £34.9.9 bħala kera tal-istess "tape-recorder" għaż-żmien kollu li dan dam f'idejh. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Mejju 1961, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur nomine preżentata fit-23 ta' Novembru 1961, li biha huwa rrinunzja għar-raba' talba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fil-kontumaċja tal-konvenut;

Illi, kif jidher ċar mill-premessi taċ-ċitazzjoni, l-azzjoni preżenti hija bażata fuq il-ftehim li sar bejn il-kontendenti bl-iskrittura ġa ċitata, a fol. 4 tal-proċess, datata 10 ta' Novembru 1959, li biha l-konvenut akkwista minn għand l-attur "tape-recorder" komplet u xi aċċessorji bissistema tal-"hire purchase";

Illi skond din l-iskrittura, il-konvenut ħallas £10 malfirma tagħha u kellu jħallas £3 fix-xahar bħala kera (l-ewwel rata kellha titħallas fl-10 ta' Diċembru 1959); però

bil-patt li seta' jixtri l-istess apparat u jsir il-proprijetarju tiegħu kemm il-darba jħallas b'kollox £63.17.9. Fil-fatt, skond ma xehed l-attur, il-konvenut ħallas b'kollox £29.8.0;

Illi skond il-kalkolu bażat fuq il-ftehim, il-konvenut suppost li ħallas l-aħħar rata fl-10 ta' Ġunju 1961, b'mod li meta fit-12 ta' Ġunju 1961 ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kienu skaduti r-rati kollha li l-konvenut kellu jħallas; u dan il-fatt jista' jispjega għaliex fiċ-ċitazzjoni l-attur, fir-raba' talba, in segwitu ċeduta, kien talab il-ħlas ukoll tal-bilanċ fis-somma ta' £34.9.9;

Ikkunsidrat;

Illi l-kuntratti ta' "hire purchase" mhumiex kontemplati espressament mill-liġi lokali; u għalkemm il-Qrati rrikonoxxew in prinċipju l-validità ta' kuntratti simili, billi dawn jirrispekkjaw il-volontà tal-kontraenti, u l-istess kontraenti bħala regola jistgħu jifthemu dak li jridu purkè ma tkunx xi ħaġa b'xi mod kontra l-liġi jew minn din projbita, b'dan kollu l-istess Qrati żammew ċertu kontroll fuq dawn il-kuntrattazzjonijiet, biex jiġu evitati nġustizzji bħala effett tagħhom. Ta' min jinnota li din l-intromissjoni tal-Qrati fil-ftehim bejn il-partijiet hija espressament rikonoxxuta, u anzi mposta, f'ċerti każi, minn liġijiet esteri, bħal per eżempju, mil-"Hire Purchase Act 1928" ingliż;

Illi nġustizzja simili kienet issir fil-każ preżenti li kieku ma ġietx ċeduta r-raba' domanda; billi, skond din id-domanda, l-attur kien jiġi tħallas l-ammont kollu li kellu jirċievi biex il-proprijetà tal-apparat tgħaddi fil-konvenut, u allura kien jonqos il-fondament għall-ewwel talba, li in forza tagħha l-attur jrid jieħu lura l-istess apparat; u ċjoè iżomm il-proprijetà tiegħu. Fl-istess ħin, infatti, il-konvenut kien ikun qiegħed jiġi privat mill-proprijetà ta' ħaġa propriju meta jiġi kundannat iħallas dak li ftiehem li għandu jagħti biex jakkwistaha. Dan qiegħed jingħad mhux biss b'ġustifikazzjoni tal-verbal tad-9 ta' Ottubru 1961, fejn il-Qorti qajmet dubju fuq l-interpretazzjoni ta' waħda mil-klawsoli tal-iskrittura bejn il-kontendenti, iżda

wkoll biex jiġi enfasizzat li r-rinunzja għar-raba' domanda għandha tiftiehem bħala rinunzja definittiva għar-rati li skadew u ma tħallsux, b'mod li a bażi tad-deċiżjoni preżenti għandha titqiegħed din ir-rinunzja definittiva bħala kondizzjoni tad-deċiżjonijiet l-oħra, u kwindi din għandha titqies bħala tifforma parti mid-dispożittiv ta' din s-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħax ikun hemm dubju li l-konvenut għandu jiġi ritenut inadempjenti, billi ma ħallasx diversi rati mensili li kellu l-obligu kontrattwali li jħallas; mill-parti l-oħra, però, hu wkoll veru li skond il-ftehim bejn il-kontendenti (u ċjoè li kieku ma kienx hemm ir-rinunzja għar-rati skaduti u mhux imħallsa — liema rinunzja hija att unilaterali) il-konvenut il-lum, meta ċjoè skadew ir-rati kollha li kellu jħallas biex isir il-proprijetarju, ma kienx jista' iżjed jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà li jagħti lura l-apparat lill-attur u ma jkomplix iħallas ir-rati futuri mhux skaduti, u kwindi dovuti. Issa, hija din il-fakoltà li tiddifferenzja lil dawn il-kuntratti speċjali tal-"hire purchase" minn dak ta' bejgħ bi kreditu taħt patt "reservati dominii", b'mod li għandu jiġi rikonoxxut id-dritt lill-konvenut li jħallas ir-rati li ma ħallasx u jsir proprijetarju. Kien ikun differenti l-każ kieku l-attur aġixxa mill-ewwel, meta l-konvenut ma ħallasx, u ċjoè meta kien hemm rati mhux skaduti; f'dak il-każ kien ikun hemm lok għat-terminazzjoni tal-ftehim, skond il-ftehim stess; u, salv dak li ntqal dwar l-atteġġjament tal-Qrati f'każi simili, dan hu s-sens li għandu jingħata lill-klawsola numru 2 tal-iskrittura nvokata mill-attur;

Ikkunsidrat;

Illi, anki jekk bħala effett tal-avverata skadenza tar-rati kollha meta saret il-kawża l-ftehim jitqies ridott għal ftehim ta' bejgħ, il-konvenut jiġi inadempjenti billi ma ħallasx il-prezz kollu, u kwindi hemm lok dejjem għar-riżoluzzjoni tal-ftehim favur l-attur; għal din l-eventwalità, però, ma jistgħax jingħad li l-kondizzjoni riżolluttiva hija wkoll espressa;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tipprovdi fuq id-domandi attriċi billi għalissa tastjeni ruħha mi'li tieħu konjizzjoni tar-raba' talba, li ġiet ċeduta mill-attur, u tilqa' l-ewwel talba; b'dan però li l-akkordju bejn il-kontendenti ma għandux jiġi ritenut terminat bħala effett ta' din id-deċiżjoni, kemm il-darba l-konvenut iħallas lil'-attur is-somma ta' £34.9.9 fi żmien xahar mil-lum, perijodu li qiegħed jiġi lilu konċess biex jippurga l-mora tiegħu u hekk jakkwista l-proprijetà tat-"tape-recorder" u aċċessorji li huma l-oġġett tal-kawża;

Il-Qorti tirriżerva li tipprovdi fuq id-domandi l-oħrajn u fuq l-ispejjeż wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi; u tiddifferixxi l-kawża għal dan l-iskop għat-8 ta' Jannar 1962.